**8 ta' April, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Edward Balzan għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà AJC Company Ltd

*versus*

Anthony Borg

**Crane - Kiri ta'**

*Kawża għall-ħlas ta' kera ta' crane. Minn eżami tal-fatti u interpretazzjoni ta' l-iskrittura, il-Qorti laqgħet in parte t-talba attriċi*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine ippremetta:

Illi l-atturi nomine huma kredituri tal-konvenut fis-somma ta' elf, erba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm1486.25,0) kwantu għal elf tliet mija u sebgħin lira Maltija (Lm1370) rappreżentanti kiri ta' *crane* u aċċesorji għall-perijodu 17 ta' Lulju, 1986 sal-31 ta' Mejju, 1988 bir-rata miftiehma ta' żewg liri Maltin (Lm2) kull jum in kwantu għall-bilanċ ta' mija u sittax-il lira Maltija u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm116.25,0) rappreżentanti imgħax fuq il-kapital (Dokument "A );

Illi l-konvenut ġie inutilment interpellat iħallas dana l-ammont;

Talab li għalhekk l-istess konvenut għar-raġunijiet premessi, u dispensat is-smigħ tal-kawża a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. tal-Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili u in vista ta' l-affidavit ta' l-attur nomine (Dokument "B");

1. jiġi kkundannat minn dina l-Qorti jħallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1486.25,0 dovuta kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-15 ta' Marzu, 1988 u bl-imgħax legali fuq is-somma ta' Lm1370 mill-31 ta' Mejju, 1988 kontra l-konvenut;

Rat l-affidavit ta' l-attur kif ukoll id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat id-digriet tad-19 ta' Settembru, 1988 li biha l-konvenut ingħata l-fakoltà li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet:

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

"1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati sija fil-fatt u sija fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-eċċipjent mhux debitur ta' l-attur nomine fl-ebda ammont;

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;"

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut:

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

*L-attur qed jallega li huwa ftiehem mal-konvenut li jikrilu*

l-aċċessorji ta' "*crane*", u mhux "*crane*" u aċċessorji, kif jingħad fl-att taċ-ċitazzjoni, bil-kera ta' Lm2 kulljum. L-attur xehed li dan il-ftehim ġie redatt bil-miktub. L-attur esebixxa żewġ "*delivery notes*" immarkati rispettivament Dokument "XX1" u "XX2" a fol. 40 u 41 tal-proċess u jġibu d-dati tat-8 ta' April, 1986 u tat-8 ta' Lulju, 1986, li fuqhom, qed jibbaża t-talba tiegħu. Il-konvenut jinnega li kien sar il-ftehim allegat u jinnega li ffirma d-dokumenti msemmija;

Minn eżami tad-dokumenti in kwistjoni la jirriżulta l-ftehim ta' kera bir-rata ta' Lm2 kulljum u lanqas li l-iskritturi ġew iffirmati mill-konvenut. Difatti d-dokument "XX1" jgħid:

"*Hire of 3 no. extensions of 'tower crane' for one month starting 9th April, 1986 for the sum of Lm50. Damages to the above will be the responsibility of Mr. Carmel Borg.*"

Imbagħad *in kalce* taħt il-kliem stampat "*Received the above in good condition*" hemm firma illeġġibbli u taħta: "For Carmelo Borg".

Id-Dokument "XX2" jgħid:

"*Hire of 3 no. extensions and 62 no. Bolts & Nuts from 9/7/86 to Ninu Borg. Damages to the above will be the responsibility of Mr. Borg.*"

Imbagħad *in kalce* hemm il-kliem "For Carmelo Borg";

Għalhekk, minn dan la jirriżulta li kien hemm ftehim ta' kera bir-rata ta' Lm2 kulljum u lanqas bir-rata ta' Lm50 fix-xahar, iżda ftehim ta' xahar kera. Għandu wkoll jiġi rrilevat li l-attur nomine

mhux qed jaġixxi għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni imma qed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq allegat ftehim ta' kera bir-rata ta' Lm2 kulljum. Inoltre juru li l-parti kontraenti kienet Carmelo Borg u mhux il-konvenut;

Mill-banda l-oħra, il-konvenut xehed li huwa ftiehem ma' l-attur li jagħtih Lm100 talli silfu dawn l-aċċessorji u jekk idum aktar minn sena ċirka ma jirritornalu l-istess aċċessorji huwa kellu jagħtih Lm100 oħra. Billi l-konvenut kien silef ħadida, jiġifieri xi aċċessorju għal *crane* ta' l-attur, lill-attur, xehed li huwa deherlu li ma kellux jagħtih il-Lm100 l-oħra. L-attur xehed li jaf li l-konvenut kien ħallas Lm100 u li ma kienx ftiehem mal-konvenut li kellu jħallsu kumpens tal-ħadida li dan kien silfu. Għalhekk, it-tpaċija pretiża mill-konvenut ma tirriżultax;

Jirriżulta li l-aċċessorji damu għand il-konvenut iżjed minn sena;

Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi tista' tintlaqa' biss għas-somma tal-bilanċ ta' Lm100 dovut mill-konvenut, bl-imgħax legali mid-9 ta' Lulju, 1987;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somm ta' mitt lira (Lm100) bl-imgħax legali mid-9 ta' Lulju, 1987. L-ispejjeż jiġu ssopportati mill-kontendenti skond ir-rispettiva vittorja u sokkombenza.